

REGOLAMENT

li jemenda, għas-seba' darba, ir-Regolament dwar il-Bini Nru 112/2012

Artikolu 1

Il-kliem “u la għandhom wajers tal-elettriku u lanqas plumbing tal-ilma” fl-Artikolu 1.2.1, punt 77, tar-regolament huma mħassra.

Artikolu 2

L-Artikolu 3.8.2, punt A, huwa fformulat kif ġej: Konferma mill-elettriċista prinċipali li l-installazzjonijiet elettriċi ta' dik il-parti tal-istruttura li qed tintuża hija lesta għall-ispezzjoni.

Artikolu 3

L-Artikolu 3.9.2, punt A, ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej: Konferma mill-elettriċista prinċipali rigward l-installazzjonijiet elettriċi tal-istruttura li tkun lesta għall-ispezzjoni.

Artikolu 4

Jiddaħħal paragrafu ġdid wara l-Artikolu 6.7.1, paragrafu 10, tar-regolament, kif ġej: Il-bini ġdid u restawrat għandu jkun fih apparat ta' konnessjoni għall-iċċarġjar ta' karożżi elettriċi f'kull spazju ta' parkeġġ.

Artikolu 5

Żewġ paragrafi ġodda huma miżjuda mal-Artikolu 6.8.1 tar-regolament:

L-għadd ta' spazji ta' parkeġġ fejn il-karożżi elettriċi jistgħu jiġu ċċarġjati għandu jingħata fid-dokumentazzjoni tad-disinn matul id-disinn ta' tali bini u r-restawr tiegħu.

L-Awtorità Iżlandiża tal-Kostruzzjoni għandha toħroġ linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 6

L-Artikolu 8.3.1 ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej: L-istrutturi tas-siment u tal-konkrit għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Prodotti għall-Kostruzzjoni, tal-istandards Iżlandiżi għad-disinn tal-kostruzzjoni, ara l-Artikolu 8.2.1, u l-istandards li ġejjin: IST EN 197-1, IST EN 12620, IST EN 206 u IST EN 13670.

Artikolu 7

L-Artikolu 14.7.1, paragrafu 5, tar-Regolament għandu jaqra kif ġej: Id-disinn tal-wajers tal-elettriku fid-djar tal-familja għandu jkun ibbażat fuq l-istandards IST 150 u IST 151.

Artikolu 8

Fl-Artikolu 14.11.2, paragrafu 2, tar-regolament il-kliem “Regolament dwar il-liftijiet għall-passiġġieri u l-liftijiet għall-passiġġieri u għas-servizz” huwa sostitwit b’“Regolament dwar il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet”.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament, stabbilit skont l-Artikolu 60(1) tal-Att dwar il-Kostruzzjoni Nru 160/2010 għandu jidħol fis-seħħ minnufih.